MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 32/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremetta:

1. Illi il-partijiet fil-hmistax ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (15/7/2006) (certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok CC1) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal ;
2. Illi fl-2008 l-intimata, li hija ta' nazzjonalita Russa qabdet u telqet minn Malta u r-rikorrent ma kellux iktar kuntatt maghha, b'dan illi llum il-partijiet ilhom aktar minn hames snin jghixu separatament ;
3. Illi m'hemm l-ebda tama ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom aktar minn erba' snin ma jghixux flimkien ;
4. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti, m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien indikat minn din l-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, u sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Ludmila Chetcuti m'humiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina il-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Salv eccezzjoni ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2014;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-intimata illi hija assenti minn dawn il-gzejjer qabdet u telqet minn Malta u ir-rikorrenti ma kellux aktar kuntatt maghha, b'dan illi l-partijiet ilhom aktar minn hames snin jghixu separatament;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------